MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 2340/1999/1

Citazzjoni Nru. 2340 / 99NC

Kawza fil-lista: 2

**A B C**
**vs**
**D B C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Billi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta' Mejju, 1990 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal E u F li ghandhom tmien snin u seba' snin rispettivament (Dok. B u Dok. C);

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi da parti tal-konvenut;

Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f' dan is-sens moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu, 1999 (Dok. D);

Jghid l-istess konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

2. Tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti fuq imsemmija tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet u taht il-modalitajiet stabbiliti appozitament mill-Qorti;

4. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tfal minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici pagabbli lill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha u fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti il-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzzivament mill-attrici.

9. Tawtorizza lilll-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem is-Sekond Awla ta' din il-Qorti kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepiet hekk :

1. Illi l-ewwel talba ta' l-attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali ma hijiex opposta b' dan pero' illi kienet l-istess attrici illi gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti.

2. Illi t-tieni talba attrici li tghix separata minn zewgha m' hijix opposta b' dan illi l-esponent ghandu jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali.

3. Illi t-tielet talba hija opposta billi l-imgieba tal-attrici hija tali illi ma tistax tigi affidata bil-kura u l-kustodja tat-tfal minuri.

4. Illi r-raba' talba attrici ghall-hlas tal-manteniment hija opposta sewwa ghaliex l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li tippercepixxi l-manteniment u kif ukoll ghaliex l-attrici hija kapaci illi tipprovdi ghal-manteniment taghha stess.

5. Illi l-hames talba hija opposta billi l-konvenut qatt ma ta' lok ghall-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) kontra tieghu.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li tinsab inserita fil-process a fols.40 sa 43 [Appendici A] ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet prezentata mill-attrici, u li tinsab inserita fil-process a fols.48 sa 52 [Appendici B] ;

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukat Dottor Vincent Galea minnu debitament mahluf ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Semghet lit-tifla minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m' ghadhiex aktar possibbli, u dan ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli unikament lill-konvenut; u talbet ukoll li

---

[1] Vol.5 fols. 1892 *et seq.*

din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tkissir taz-zwieg esklussivament lill-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli precitat.

**Is-Separazzjoni Personali**
*Il-fatti*
Illi jirrizulta provat li l-partijiet izzewwgu fis-6 ta' Mejju 1990, u ghal circa sitt snin wara z-zwieg, ghexu l-Ingilterra fejn il-konvenut kien qed jistudja biex jispecjalizza fil-qasam mediku bhala kirurgu, filwaqt li l-attrici kompliet tispecjalizza fil-kamp taghha ta' ghalliema.

F'dan il-perijodu l-partijiet kellhom zewg t'tfal, E u F li twieldu rispettivament fl-4 ta' Mejju 1991 u 17 ta' Ottubru 1992.

Sussegwentement il-partijiet iddecidew li jirritornaw Malta, u f' Ottubru 1995 nizlet l-attrici bit-tfal; u f' Jannar 1996 nizel il-konvenut.

Illi mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet irriskontraw diversi problemi fir-relazzjoni taghhom, bir-rizultat li fis-17 Awissu 1998 l-attrici telqet bit-tfal minuri mid-dar konjugali.

L-attrici tghid li fl-24 Dicembru 1998 hija kienet iltaqghet ma' Dottor Antoine Gambin, Avukat, u fi Frar 1999, wara li dan kien issepara minn ma' martu, hija bdiet relazzjoni mieghu ; f' Mejju 1999 hija harget tqila minnu, u eventwalment twieled tifel minn din ir-relazzjoni extra matrimonjali.

*Verzjoni Attrici*
Fis-succint l-attrici tghid li qabel iz-zwieg hi ma kienitx certa mir-relazzjoni taghha mal-konvenut, u fi kliemha: "We got married on the 6$^{th}$ May 1999. It was a church wedding, before the wedding I was in constant tears; I did not want to get married, I had severe doubts, as I already felt alone, I could not tell anyone about how I felt. Then I

got married, and as soon as I got into the car I told him that the **only** reason I married him was because of my mother, she had gone through considerable expense and I could not let her down."[2]

Tghid li l-inkwiet matrimonjali beda fil-honeymoon. "After four days in our honeymoon the bad fights began." Il-konvenut beda jakkuzaha b' infedelta', kif ukoll li hi kienet "frigid, as I did not want to have sex with him every single day."[3]

Tilmenta mill-fatt li matul is-soggjorn taghhom fl-Ingilterra hija kienet qed thossha wahedha hafna peress li l-konvenut kien ikun impenjat bl-istudji tieghu, u ghalhekk kien ihossha depressed, anke tenut kont tal-post fejn kienu jghixu. Sussegwentement harget tqila, u meta skopriet dan, "I went ballistic because I had just gone to get the pill a week earlier."

Tghid li matul dak iz-zmien il-partijiet kienu jiggieldu hafna fuq l-infiq ta' flus da parti taghha, u dana peress li l-konvenut kien ghadu jistudja u ghalhekk l-finanzi taghhom kienu ristretti; kif ukoll kienu jiggieldu minhabba akkuzi reciproci ta' nfedelta'.

Tghid ukoll li, mill-mod kif kien igib ruhu maghha l-konvenut, specjalment meta kienet tqila bit-tieni tarbija, dan wera li huwa kien insensittiv hafna fil-konfront taghha, u tghid "At that stage, I realized that D did not care for me." [4]

Tghid: "Hija din l-attitudini li huwa jaf kollox u li jista' jaghmel li jrid illi kienet il-problema l-kbira li kellna fiz-zwieg, u li kkaratteristikat l-imgieba tieghu ..... Huwa ghandu wisq interessi u tahwid ma' nisa differenti sabiex jippermetti lilu nnifsu li jibqa' f' relazzjoni monogama u jerfa' r-responsabbilitajiet ta' familja."[5]

---

[2] Vol.1 Fol.97 [affidavit] – sottolinear u emfasi tal-qorti
[3] Ibid. sottolinear tal-qorti
[4] Ibid. fol,.99
[5] Vol.3 fol.1447

Tghid li maz-zmien il-relazzjoni matrimonjali mal-konvenut kienet iddeterjorat b' mod li "during this time our marriage was non-existent, we seemed to exist for the eyes of society"[6] u takkuza lill-konvenut b' komportament abuziv fil-konfront taghha fid-dar, filwaqt li meta johrog barra jkun "as gentle and good natured as ever." Tghid li l-konvenut kien xtara biljett ghal Parigi biex jaghmlu holiday hemmhekk, izda anke f' Parigi komplew il-problemi bejniethom.

Dwar meta telqet mid-dar matrimonjali hija tghid li "His having extra-matrimonial relationships, as I told him several times I could live with, for the sake of the children; but I could not live with the anger at home."[7] Ghalhekk tghid li telqet mid-dar fis-17 Awissu 1998.

*Verzjoni Konvenut*
Il-konvenut, filwaqt li jikkonferma dak li kienet qaltlu l-attrici huma u sejrin lejn ir-riceviment, u allura martu ta' anqas minn siegha, fis-sens li hi kienet izzewwgitu biss minhabba ommha; dan jghati verzjoni diversa minn dik li tat l-attrici dwar il-konvivenza matrimonjali taghhom.

F' affidavit dettaljat u spjegattiv huwa jichad dak allegat mill-attrici u mix-xhieda taghha fil-konfront tieghu, u jirribatti b' mod spjegattiv, b' mod partikolari li hu kien infidel lejn l-attrici matul il-konvivenza. Huwa jghid li l-uniku relazzjoni extra matrimonjali li kellu kienet ma' certu mara identifikata b' isimha, li fis-sena 2001 "ghamilt perijodu zghir ta ftit xhur nohrog maghha tlett snin wara li A telqet mid-dar matrimonjali, [u] din ir-relazzjoni falliet proprju minhabba l-problema li ma setghetx tghaddi bizzejjed zmien mieghi ghax nghaddi hafna zmien mat-tfal tieghi"[8].

Il-konvenut jghid li matul il-konvivenza matrimonjali huwa kien jirsisti hafna ghall-familja, martu u ghat-tfal biex ma jinqoshom xejn, u kien jahdem hafna biex ikollu l-finanzi necessarji. Huwa kien jappoggja lil martu f' dak li kienet

[6] Vol.1 fol.100
[7] Ibid. fol.105
[8] Vol.2 fol.1008 [affidavit]

taghmel, kemm rigwardanti l-hajja konjugali, kif ukoll fit-trobbija tat-tfal, u fix-xewqa taghha li tibqa' tistudja biex tavvanza fil-kamp taghha. Jghid: "Dejjem stinkajt biex nahdem fuq ix-xoghol u d-dar. Fil-fatt ghintha mat-tfal u specjalment meta kienet marida."[9]

Izda l-konvivenza ma' l-attrici kienet difficli hafna peress li hi kienet rasha iebsa u tbati hafna mill-burdati, b' mod li okkazzjonalment il-komportament taghha kien ikun stramb. Jghid li kienet mara difficli hafna u okkazzjonalment kienet taghmel affarijiet li jimbarazzawh u jwegghuh, bhal meta kienet tiflirtja ma rgiel ohra anke fil-prezenza ta' zewgha. Kienet tiggieled ma hafna nies, u gieli kienet agressiva mieghu.

Jjghid li "Anke meta kont inkun id-dar hi kienet tohrog filghaxija u tidhol fis-sakra ghal habta tal-5.00 am. Meta konna nohorgu kienet titlaqni u kienet taghti kunfidenzi lil irgiel ohra" u jidentifika wiehed minnhom b' ismu.[10]

Dwar is-safra ta' Parigi jghid li "jiena kont naf kemm A riedet tmur Parigi u [ghalhekk] organizzajna btala f' Parigi ftit wara li ghalqet 30 sena ...... [izda] hi ghamlet li setghet biex tirrovina din il-btala."[11]

Illi meta l-attrici telqet mid-dar konjugali huwa kien ipprova jrranga s-sitwazzjoni u jgibha lura, izda dina kienet webset rasha u kienet determinata li ma tirritornax lura. Eventwalment skopra li erba xhur wara li telqet hi kienet bdiet tiffrekwenta lil Dr. Antoine Gambin u kienet dahlet f' relazzjoni stabbli mieghu, tant li kellhom tifel minn din ir-relazzjoni.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi, wara ezami rett tal-provi migjuba, valutati fil-kuntest tal-assjem tal-provi, il-Qorti hija tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti esposti mill-konvenut, bhala dik l-aktar kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi. Il-konvenut cahad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront

[9] Ibid. fol.1008
[10] Ibid fol.1005
[11] Ibid. fol.1006

tieghu, ta l-ispjegazzjonijiet tieghu, u anke ressaq xhieda b' appogg ta' dak sostnut minnu.

Illi din il-Qorti, wara debita riflessjoni, tosserva li l-ilmenti ta' l-attrici dwar il-konvenut, jsibu l-origini taghhom fil-fatt li, ex admissis, hija zzewwget persuna li ma kienitx thobb u li kienet izzewgitu biss minhabba ommha. Tghid car u tond fl-affidavit taghha li, qabel iz-zwieg, hi kienet "in constant tears" ghax ma rieditx tizzewweg; u tant kien qawwi dan is-sentiment go fiha li, ftit minuti wara li zzewwgu, u huma u sejrin lejn is-sala tar-riceviment, hija kienet qalet lill-konvenut li "the only reason" li ghaliha hi kienet izzewwgitu kienet peress li ommha kienet ghamlet hafna spejjez u ghalhekk ma rieditx tiddizappuntaha. Tant kienet imdejjqa l-attrici bil-fatt li kienet izzewget lill-konvenut, li ma kellhiex is-sabar li almenu tistenna l-festeggjamenti tal-gurnata jghaddu biex tghidlu dan id-diskors, u allura hekk kif izzewget riedet taqlaghha malajr mill-istonku taghha minghajr ma qaghdet tqis kemm dak il-kumment seta' wegga' lill-konvenut li minn naha tieghu, fl-atmosfera festiva ta' dak il-hin, ma rrealizzax l-import ta' din id-dikjarazzjoni. Verament l-attrici wriet li kienet insensittiva ghall-ahhar lejn il-konvenut li, ftit minuti qabel, kienet inghaqdet mieghu fiz-zwieg.

Il-Qorti thoss li dan il-fatt ammess mill-attrici jitfa' hafna dawl fuq d-dwejjaq li din irriskontrat tul il-konvivenza matrimonjali mal-konvenut. Hija manifestament ma kienitx kuntenta bil-fatt li kellha tghix il-hajja matrimonjali mieghu permanentement. Ghalhekk jirrizulta car li ma kienitx lesta li taffronta s-sagrificcji li l-hajja konjugali necessarjament tirrikjedi. Hija sabet l-ewwel skoll fil-honeymoon fejn l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut ried li jkollu relazzjonijiet intimi maghha kuljum, u li hi kienet irrifjutat li jkollha x' taqsam sesswalment mieghu [allura ir-ragel taghha ta' ftit jiem] "every single day." Dan jista' jifthiem biss meta jigi kunsidrat fid-dawl tal-fatt li hi ma kienitx thobb lill-konvenut, u li kienet izzewgitu biss minhabba ommha.

Ferm il-premess, mhu sorprendenti xejn il-fatt li hi ma kienitx riedet tohrog tqila mill-konvenut, u li meta saret taf

li kienet harget tqila, ghalkemm kienet uzat il-pillola kontracettiva, tghid li “I went ballistic.”

Illi l-attrici takkuza lill-konvenut b’komportament vjolenti u abuziv fil-konfront taghha u li ma kienx jaghti kasha, u li kien insensittiv ghal bzonnijiet taghha ; izda dan ma jirrizultax sodisfacentement provat ; anzi rrizulta li meta l-attrici ghalqet it-tletin sena l-konvenut organizza btala Parigi peress li kien jaf kemm martu xtaqet izzur din il-belt, izda minghajr l-effett desiderat ghax l-inkwiet matrimonjali siefer maghhom.

Eventwalment, wara konvivenza matrimonjali ta’ circa tmien [8] snin l-attrici teqlet mid-dar konjugali, u wara ftit xhur bdiet tidher f’ relazzjoni adultera ma terza persuna, u ftit xhur wara, harget tqila.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jilmenta mill-fatt li l-attrici kienet issofri minn ‘mood swings’ li kienu jirrendu l-konvivenza difficli ; izda l-Qorti tosserva li, nonostante n-nuqqasijiet da parti ta’ l-attrici, huwa xorta wahda kien ipprova jsalva z-zwieg tieghu ma’ l-attrici, sakemm skopra li hi kienet f’ relazzjoni stabbli ma’ ragel iehor.

Jigi osservat li huwa normali li f’ relazzjoni jigu riskontrati nuqqasijiet da parti tal-partijiet, u anke f’ dik matrimonjali, izda mhux kull nuqqas tal-konjugi jifforma bazi fattwali li legalment twassal ghas-separazzjoni personali. Inoltre, anke jekk dawn in-nuqqasijiet ikunu ta’ certu mport, biex jikkostitwixxu eccessi jew sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu 40 jehtieg li l-komportament abuziv ikun abitwali u ripetut, b’ mod li jirrendi l-konvivenza insapportabbli.

Il-Qorti taqbel perfettament ma’ dak sostnut mill-konvenut fin-nota tieghu, u cioe’ li “..martu qatt ma habbitu, u li kien ghalhekk impossibbli ghaliha li ssostni relazzjoni ta’ fedelta’ mieghu indefinittivament.”[12] L-attrici tghid li hi kienet telqet mid-dar f’ Awissu 1998 ghax ma felhitx ir-rabja li kien ikollu l-konvenut ; izda l-fatt li, bejn hames jew sitt xhur wara, hija bdiet tidher apertament li kienet f’

[12] Vol.4 fol.1933

relazzjoni ma' ragel iehor, u li din ir-relazzjoni kienet stabbli bizzejjed biex jsir l-att taz-zwieg bejniethom minghajr prekawzzjoni, biex b' hekk, f' anqas minn sena mill-imsemmija data, twieled tifel minn din ir-relazzjoni adulteruza - dan idghajjef serjament din it-tezi taghha.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment, meta l-attrici telqet mid-dar u ftit xhur wara, hija bdiet tidher f' relazzjoni ma' terza persuna ; u ghalhekk l-attrici ghandha esklussivament iggorr il-htija tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 38 tal-Kap.16 li necessarjament igorr mieghu d-dekadenza kontemplata fl-artikolu 48 ta' l-istess Kap, u dan mit-17 ta' Awissu 1998. Fl-istess hin, il-Qorti hi tal-fehema li ma gie provat xejn censurabbli da parti tal-konvenut li legalment seta' wassal jew ikkontribwixxa ghall-htija ta' l-attrici.

**Kura u Kustodja**

Illi illum il-gurnata din is-sezzjoni tirrigwarda biss lit-tifla F li ghandha 17-il sena. Jidher car li din hija kuntenta bil-modalita' tal-access kif ezercitat fil-prezent, li jippermetti lill-istess minuri tgawdi u tirrelata maz-zewg genituri b' mod ampju. Ghalhekk il-Qorti ser tikkonferma l-istatus quo f' dan ir-rigward ; u, filwaqt li tordna li l-kura u kustodja ta' din il-minuri tibqa' kongunta bejn iz-zewg genituri, tordna li l-minuri tkun ma' l-omm kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, l-Erbgha u nhar ta' Hamis filghodu sakemm tispicca l-iskola, u minn hemm tibqa' sejra ghand il-missier u tibqa' ghandu sal-Gimgha filghodu sakemm tmur l-iskola ; il-Gimgha wara l-iskola tibqa' sejra ghand l-omm u tibqa' maghha sas-Sibt 1.00pm meta allura tmur ghand il-missier u tibqa' mieghu sat-Tnejn meta wara l-iskola tirritorna lura ghand ommha.

**Manteniment**

In propozitu, il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha ndikati mill-ligi li ghandhom rwol fil-komputazzjoni tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal bintu F, minuri ta' 17-il sena, kif ukoll ic-cirkostanzi fattwali tal-partijiet, u wkoll il-fatt li l-minuri tqatta' hin relevanti

mal-konvenut, tordna li l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ghal din il-minuri jkun ta' €163 [LM70] fix-xahar ; inoltre, il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri, kif ukoll ghandu jiehu hsieb il-bzonnijiet tal-minuri meta dawn il-bzonnijiet jinqalghu fiz-zmien li t-tifla tkun taht il-kura tieghu.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Il-Qorti tosserva li f' dan ir-rigward, kif ukoll fir-rigward ta' certu pretensjonijiet ohra avvanzati, il-provi huma skarsi ; u ghalhekk, sabiex tigi evitata ngustizzja ma' xi parti, tenut kont ukoll tal-valur ta' l-oggetti, u anke tenut kont tal-fatt li parti minn din il-proprjeta' formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti tista' tinstab f' idejn terzi, il-Qorti astjeniet milli tikkonsidera dawn l-oggetti fil-likwidazzjoni odjerna, filwaqt li tirrizerva li certu vertenzi li jikkoncernaw il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni jigu decizi f' gudizzju separat.

Illi ghall-finijiet ta' dan l-ezercizju, il-Qorti ser tiehu bhala bazi l-pjan ta' qasma redatt mill-perit legali, izda hemm aspetti li dwarhom din il-Qorti ma tikkondividix il-fehema tal-perti legali li certament kellu nkarigu difficli biex jasal ghal xi forma ta' qasma, kif setghet tikkonstata din il-Qorti minn ezami rett tal-inkartament kollu. Ghal dan il-ghan qed jigi anness ma' dan il-gudizzju, dik il-parti tar-rapport relevanti ghal din is-sezzjoni [Appendici C – Vol.5 fols.2036 sa 2061].

Illi kwazi l-gid kollu akkwistat mill-partijiet sar qabel is-17 ta' Awissu 1998. L-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, jikkomprendi, attiv, immobbli u mobbli, u passiv. Dawn jinsabu elenkati fil-pagni 58 sa 67 tar-rapport.[13]

***Attiv***

[a] Il-*fond <indirizz>* tal-valur approssimtattiv ta' €349,406 [ekwivalenti ghal LM150,000] – Il-Qorti tordna li dan il-fond jinbigh fuq is-suq liberu fi zmien sena ; u fin-nuqqas, wara dan il-perijodu, jinbigh bis-subbasta – ghall-prezz mhux inferjuri ghal dak fuq indikat.

[13] Vol.5 fols.2039 sa 2048

Wara l-bejgh, jithallsu mir-rikavat, id-dejn kollu gravanti l-fond, u d-djun kollha tal-komunjoni ta' l-akkwisti hawn taht elenkati, inkluzi allura l-krediti tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni ; u wara, il-bilanc jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, u porzjon minnhom tinghata lill-konvenut, filwaqt li l-porzjon l-iehor tinghata lill-attrici wara li jitnaqqsu minnu l-krediti dovuti mill-attrici lill-konvenut kif hawn taht spjegat.

[b] *Kontijiet Bankarji* fuq isem iz-zewg partijiet. Kull parti ghandha zzomm il-flus ezistenti fil-kontijiet li jinsabu fuq isimhom.

[c] *Rigali tat-tieg* ;
Rigward dawn l-oggetti, il-Qorti tosserva li, ghalkemm hemm kontestazzjoni qawwija da parti tal-partijiet, il-provi in propozitu huma skarsi, salv ghall-affidavits dettaljati, u kontrastanti, tal-partijiet. Kif osservat mill-perit legali, iz-zewg partijiet ammettew li qeghdin izommu ghandhom rigali li kienu nghataw lilhom fl-okkazzjoni taz-zwieg ; izda hemm nuqqas ta' provi sodisfacenti dwar [1] il-valur ta' dawn l-oggetti, u [2] fejn tinstab il-maggior parti taghhom..

Dwar dan l-ahhar fattur il-Qorti tosserva li hemm indikazzjonijiet relevanti li juru li parti sostanzjali ta' dawn l-affarijiet, flimkien ma' oggetti parafernali[14] tal-konvenut, huma fil-pussess ta' terzi, u senjatament omm l-attrici li minn naha taghha tikkontestat dan il-fatt ; izda din il-Qorti ma tistax tinjora l-osservazzjoni logika maghmula mill-konvenut f' dan ir-rigward fil-hames paragrafu ta' l-affidavit tieghu[15]. Ghaldaqstant, tenut kont tal-fatt li dawn l-oggetti jistghu jinstabu fil-pussess ta' terzi li mhumiex parti f' din il-kawza, u tenut kont ukoll tal-fatt li jidher li dawn l-oggetti ghandhom valur gholi, u anke sentimentali, il-Qorti thoss ekwu u gust, ghaz-zewg partijiet, li tastjeni milli tillikwida u tassenja dawn l-assi filwaqt li tirrizerva d-dritt tal-partijiet li jistitwixxu proceduri appoziti ghar-rivendikazzjoni tad-drittijiet taghhom fuq dawn l-oggetti.

---

[14] Vol.2 fol.933 para.2[iii]. u senjatament il-coffee pot tal-fidda, il-5 piece condiment set tal-fidda, u l-antique three piece silver set with tray.
[15] Vol.2 fol.931

Rigward s-suggeriment tal-perit legali li l-attrici taghti s-somma ta' €46,587 [ekwivalenti ghal LM20,000] lill-konvenut ghas-saldu ta' din il-parti tal-pretensjoni tieghu, il-Qorti tosserva li, filwaqt li din il-proposta ghandha l-beneficju li tidderimi l-kontestazzjonijiet qawwija fuq dawn l-oggetti, izda mill-banda l-ohra tista' tohloq ingustija lill-partijiet, jew lil wahda minnhom, ghar-ragunijiet fuq indikati.

[d] *Vettura Peugeot 306* tal-valur ta' €11,065 [ekwivalenti ghal LM4,750] ; u l-*madum u l-aperturi* li l-attrici kienet illegalment hadet mill-fond komuni tal-partijiet u li ghandhom valur ta' €139.76 [ekwivalenti ghal LM6,000].

Rigward il-vettura Peugeot jirrizulta ex admissis li, wara s-separazzjoni de facto, dina kienet mizmuma mill-attrici go garage, u skond l-attrici kienet mahruga bl-ghajnuna tal-habib taghha minn din il-garage u kienet poggietha fit-triq minn fejn allegatament insterqet, izda dwar din l-allegazzjoni l-provi huma nsodisfacenti. Ghalhekk din il-Qorti, bhal perit legali, hija tal-fehema nofs il-valur [LM2,375] ta' din il-vettura li skond l-attrici ma tafx fejn qeda, ghandu jinghata lill-konvenut.

Rigward il-madum u l-aperturi, jigi osservat li kien gie gudizzjarjament stabbilit permezz ta' sentenza moghtija fil-25 ta' Gunju 2004 mill-Qorti tal-Prim Awla Civili fil-kawza fl-ismijiet inversi , li dawn l-oggetti kienu ttiehdu llegalment mill-attrici odjerna u li kienet giet ordnata li tirritornahom lura ; izda ma rrizultax li dawn fil-fatt kienu gew ritornati lura fil-fond komuni tal-partijiet ; u ghalhekk l-attrici ghandu thallas nofs il-valur taghhom [LM3,000] lill-konvenut.

Ghalhekk, kif gie wkoll spjegat mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, nofs il-valur ta' dawn l-oggetti, u cioe' €12,520 [ekwivalenti ghal LM5,375] ghandu jinghata lill-konvenut minn sehem l-attrici tar-rikavat;

[d] L-oggetti elenkati fil-paragrafu 197 [e][16] tar-rapport tal-perit legali, u li jinsabu fil-pussess ta'l-attrici, u li l-valur komplessiv taghhom gie fissat minn din il-Qorti fl-ammont ta' €11,647 [ekwivalenti ghal LM5,000].[17] Ghalhekk nofs dan l-ammont, cioe' €5,823 [ekwivalenti ghal LM2,500], ghandu jinghata lill-konvenut, filwaqt li l-attrici tkompli zzomm dawn l-oggetti.

Ghalhekk b' kollox il-konvenut ghandu jiehu minghand l-attrici, u precizament minn sehemha tar-rikavat tal-bejgh is-somma ta' **€18,344 [ekwivalenti ghal LM7,875].**

***Passiv***[18]
Dwar dan l-aspett il-perit legali elenka diversi djun tal-komunjoni fil-paragrafu 197[g] li whud minnhom jimmeritaw osservazzjonijiet ulterjuri :

[i] Il-konvenut qed jippretendi li l-attrici taghtih nofs is-somma ta' LM5,000 li skond hu kienet silfitu ommu Bertha B C.  Il-Qorti tosserva li, ghalkemm hemm ezebita kopja ta' skrittura privata[19] datata 20 Awissu 1995 li ma gietx iffirmata mill-attrici, il-provi in propozitu huma skarsi, apparti mill-kontestazzjoni sollevata mill-attrici dwar din it-transazzjoni.

Ghalhekk in vista tal-premess, u b' mod partikolari tal-fatt li dan mhuwiex kreditu tal-konvenut izda ta' ommu li mhijiex parti fil-kawza, il-Qorti mhux ser tiehu in konsiderazzjoni din il-pretensjoni ; izda minghajr pregudizzju ghad-drittijiet spettani lil terzi in propozitu.

[ii] Rigward il-pretensjoni tal-konvenut li l-attrici ghandha thallas lilu l-pagamenti kollha li huwa kien ghamel wara is-17 Awissu 1998 rigwardanti d-dejn gravanti d-dar komuni, u pagamenti relatati ma' dan id-dejn li l-partijiet ghandhom mal HSBC Home Loans Malta Ltd., il-Qorti tosserva li din

---

[16] Vol.4 – fol.2042
[17] Il-Qorti ma taqbilx mal-perit legali li ghandha taccetta fl-intier taghha l-istima kontestata maghmula mill-konvenut, stante li dawn l-oggetti huma tal-komunjoni u sax-xoljiment tal-komunjoni jappartjenu liz-zewg partijiet, inkluzi allura l-attrici.  Ghalhekk thoss li l-ammont ta' LM5000 huwa aktar ekwu.
[18] Vol.4 – fol.2044
[19] Vol.2 Fol.957

il-pretensjoni hija legalment valida limitatament ghal nofs il-pagamenti li saru. Ghax, peress li l-attrici ddekadiet milli tircevi nofs l-akkwisti maghmula principalment bil-hidma tal-parti l-ohra wara l-imsemmija data, hija tilfet biss is-sehem taghha ta' nofs l-akkwisti, filwaqt li n-nofs l-iehor baqa' tal-konvenut ; u allura, l-pagamenti li saru wara dan il-perijodu, derivanti mill-akkwisti li ghamel il-konvenut, nofshom biss thallsu ndebitament ghan-nom ta'l-attrici. Konsegwentement l-attrici ghandha tirrifondi minn sehema mir-rikavat tal-bejgh lill-konvenut **nofs** il-pagamenti kollha li saru minnu wara l-imsemmija data.

[iii] Dejn ta' €1,956 [ekwivalenti ghal LM839.50] dovuti lil Joseph Sciberras li saru fid-dar ta' Hal-Lija, fuq liema dejn hemm qbil bejn il-partijiet.

[iv] Dejn li jista' javvera ruhu jekk il-kawza fl-ismijiet Joseph Cuschieri et vs D B C et [Cit.364/98JRM] tinqata' kontra l-kontendenti.

[v] Dejn ta' €4,597 [ekwivalenti ghal LM1,973.66] dovut lil Lombard Bank.

[vi] Dejn ta' €15,001 [ekwivalenti ghal LM6,440] dovut lid-dipartiment tat-taxxi interni li jkopri l-perijodu ta' meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien [1991,1992 u 1996].

[vii] Vertenza dwar is-somma ta' €2,178 [ekwivalenti ghal LM935] mal-South Bucks NHS Trust, li tista tispicca billi l-partijiet jroddu lura din is-somma. Jekk dan javvera ruhu, dan id-dejn ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[viii] Kont tad-dawl u ilma ta' €233 [ekwivalenti ghal LM100].

[ix] Is-somma ta' €1,202 [ekwivalenti ghal LM516] imhallsa mill-konvenut lid-dipartiment tat-taxxi interni ; u ghalhekk huwa kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni.

[x] Is-somma ta' €466 [ekwivalenti ghal LM200] rapprezentanti xoghol ta' manutenzjoni mhallsa mill-

konvenut fid-dar ta' Hal Lija; u ghalhekk huwa kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni.

[xi] Dejn ta' €699 [ekwivalenti ghal LM300] lil Futura Woodworks.

[xii] Il-konvenut qed jippretendi r-rifuzjoni ta' l-ammont ta' LM292.30 imhallsa minnu lill-hanut tal-grocer ghal affarijiet li xtrat l-attrici meta telqet mid-dar konjugali. Stante li l-maggjor parti ta' dan l-ammont kien necessarju sabiex l-attrici tghajjex it-tfal li dak iz-zmien kienu fil-kura effettiva tghha, il-Qorti tosserva li din il-pretensjoni tal-konvenut mhijiex valida.

[xiii] Kont tad-dawl u ilma fl-ammont ta' €591 [ekwivalenti ghal LM253.80] imhallas mill-konvenut; u ghalhekk huwa kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni.

[xiv] Kont tat-telefon mhallas mill-konvenut ta' €974 [ekwivalenti ghal LM148.15]imhallas mill-konvenut; u ghalhekk huwa kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni.

[xv] L-ammont ta' €696 [ekwivalenti ghal LM298.72] imhallas mill-konvenut ghall-insurance u licenzja tal-vettura Peugeot; u ghalhekk huwa kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni.

[xvi] L-ammont ta' €404 [ekwivalenti ghal LM173.30] dovut fl-intier tieghu lill-konvenut, rapprezentanti ammont migbud mill-attrici mill-credit card tal-konvenut meta hi marret l-Ingilterra.

[xvii] L-ammont ta' €3,494 [ekwivalenti ghal LM1,500] rapprezentanti flus miguba mill-Lombard Bank mill-partijiet minn kont komuni, kif spjegat fil-paragrafu 197[g][xvii].

[h] Dwar l-ishma li ghandu l-konvenut ma' Simonds Farsons Cisk ma jirrizultax meta dawn gew akkwistati, u l-provi in propozitu huma skarsi.

*Krediti parafernali ohra tal-konvenut*

In propozitu qed issir referenza ghal paragrafi 198 sa 206[20] tar-relazzjoni peritali, u din il-Qorti ser taghmel l-osservazzjonijiet taghha in propozitu.

[a] Rigward il-marble topped wrought iron table [LM45] hemm kontestazzjoni kemm dwar il-pretensjoni tal-konvenut li l-mejda hija parafernali tieghu, kif ukoll dwar min ghandh l-pussess taghha; u ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

[b] Rigward il-Blaupunkt cooker, hemm kontestazzjoni dwar l-ezistenza tieghu bhala assi tal-komunjoni ; u ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

[c] Rigward l-antique card table tal-valur ta’ LM410, l-attrici tammetti li din tinsab fil-pussess taghha, filwaqt li mill-provi dokumentali [CTA34] jirrizulta li nxtrat mill-konvenut biss, qabel iz-zwieg ; ghalhekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut minn sehemha tar-rikavat dan l-ammont fl-intier tieghu ;

[d] Rigward ic-Chiffonier mixtri miz-zewg partijiet ghall-prezz ta’LM400, jirrizulta li dan ghadu fil-pussess ta’ l-attrici ; u ghalhekk l-attrici ghandha minn sehemha tar-rikavat thallas lill-konvenut nofs il-valur tieghu, cioe’ €466 [ekwivalenti ghal LM200].

[e] Rigward il-pencil drawing flower Giuseppe Cali, li nxtrat ghall-prezz ta’ LM100, jirrizulta li din qeda fil-pussess ta’ l-attrici ; ghalhekk l-attrici ghandha thallas minn sehemha tar-rikavat nofs dan l-ammont, cioe’ LM50 lill-konvenut ;

[f] Rigward l-istained glass shade tal-valur ta’ LM31, tezisti kontestazzjoni dwar ghand min qieghed, u ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

---

[20] Vol.5 fols.2055 sa 2061

[g] Rigward l-OK living room mixtrija miz-zewg partijiet ghall-prezz ta' LM465, din tinsab fil-pussess ta' l-attrici, u ghalhekk din ghandha tirrifondi lill-konvenut, minn sehemha tar-rikavat, nofs dan il-valur taghha, cioe' LM232.50 ;

[h] Rigward l-engagement ring, li jinsab fil-pussess ta' l-attrici, il-konvenut jixtieq li jigi akkreditat bil-valur tieghu. Jidher li l-valur ta' LM1,100 huwa ragjonevoli u ghandhu jkun accettabbli ghaz-zewg partijiet ; ghalhekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut mis-sehem taghha tar-rikavat, din is-somma ;

[i] Rigward ic-curkett tat-tieg, li jinsab fil-pussess ta' l-attrici, jidher li l-valur ta' LM388 ghandu jkun accettabbli ghaz-zewg partijiet ; ghalhekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut mis-sehem taghha tar-rikavat, din is-somma ;

[j] Rigward ic-chunky gold chain necklace, hemm qbil li din intilfet qabel iz-zwieg ; u ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni ;

[k] Rigward l-Admiral's Chair li jinsab fil-pussess ta' l-attrici, peress li hemm kontestazzjoni dwar l-kundizzjoni attwali tieghu u allura dwar l-allegat valur tieghu ta' LM200, il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

[l] Rigward id-Duplex white radiator electric heater tal-valur ta' LM20, tezisti kontestazzjoni dwar ghand min qeda ; u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna ;

[m] Rigward il-colour tv monitor cub tal-valur ta' LM70, jidher li ma hemmx kontestazzjoni ;

[n] Rigward it-three piece sitting room – Curmi Family – tal-valur ta' LM400, peress li hemm kontestazzjoni dwar ghand min qieghed, jew ghadux fil-fatt jezisti, il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

[o] Rigward il-large beaten copper place tal-valur ta' LM75 hemm kontestazzjoni kwar l-ezistenza tieghu, u ghalhekk il-Qorti mhux ser tikkunsidra dan l-oggett fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna;

Ghalhekk fid-dawl tal-premess, b' kollox dawn il-krediti parafernali tal-konvenut li ghandhom jitnaqqsu minn sehem l-attrici [peress li jinsabu fil-pussess taghha] mir-rikavat tal-bejgh jammontaw ghal €579 (ekwivalenti ghal LM248.50). Dwar l-oggetti li din il-Qorti astjeniet li tikkunsidera fil-komputazzjoni tal-likwidazzjoni odjerna, jibqghu mpregudikati d-drittijiet tal-partijiet in propozitu.

Rigward il-porte moniae tal-fidda moghija indikat fil-paragrafu 200 tar-relazzjoni, u li l-attrici tammetti li qieghed fil-pussess taghha, jirrizulta li dan huwa parafernali tal-konvenut u ghandu jigi restitwit lilu fi zmien gimgha.

*Krediti ohra tal-Konvenut fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti*

Krediti rapprezentanti donazzjonijiet moghtija lilu minn membri tal-familja tieghu,ammontanti komplessivament ghas-somma ta' €6,000 [ekwivalenti ghal LM2,576] u depozitati fil-kontijiet komuni tal-partijiet. Dawn jinsabu deskritti mill-perit legali fil-paragrafu 201 tar-relazzjoni tieghu, u din il-Qorti tqis bhala sodisfacentement provati.

Kreditu ta' €2,330 [ekwivalenti ghal LM1,000] rigwardanti l-vettura Citroen Visa H-3528, proprjeta' parafernali tal-konvenut, li nbieghet fiz-zwieg, indikat fil-paragrafu 202[a][21]

Kreditu ta' €466 [ekwivalenti ghal LM200] rapprezentanti donazzjoni moghtija lill-konvenut minn Eugenia Curmi, indikat fil-paragrafu 202[b].

[21] Vol.5 fol.2059

Kreditu ta' €31,447 [ekwivalenti ghal LM13,500] rapprezentanti kumpens imhallas minn kumpanija assikuratrici rigwardanti ncident tat-traffiku li l-konvenut kien sofra fis-7 ta' Lulju 1997, u ghalhekk qabel iz-zwieg. Il-Qorti tosserva li l-prova ta' l-ammont jemergi minn ittra[22] mibghuta lill-konvenut mill-Avukat Dottor Simon Micallef Strafrace, liema prova ma gietx kontraddetta bi provi li juru l-kuntrarju.

Dawn l-erba' krediti parafernali tal-konvenut, li l-flus marru fil-komunjoni ta' l-akkwisti, huma krediti tal-komunjoni, u ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mill-komunjoni. Dawn jammontaw komplessivament ghas-somma ta' **€40,242 [ekwivalenti ghal LM17,276].**

Rigward l-pretensjonijiet reciproci dwar l-ispejjez tat-tieg, kif ukoll dwar ir-rigali moghtija lil xulxin fiz-zwieg, tenut kont tal-fatt li l-provi huma skarni, il-Qorti taqbel mal-proposta tal-perit legali kontenuta fil-paragrafu 203[23], fis-sens li kull parti tissaporti l-ispejjez maghmula minnha, filwaqt li kull parti zzomm ir-rigali li ppercepiet minghand il-parti l-ohra, u dana fid-dawl tal-konsiderazzjoni li zgur li l-attrici, jew ommha, hargu aktar minn €3,634 [ekwivalenti ghal LM1,560] ghall-ispejjez tat-tieg. B' hekk il-krediti rispettivi f' dawn ir-rigward ghandhom jitqiesu kompensati.

Rigward il-kreditu pretiz mill-konvenut fl-ammont ta' €12,416 [ekwivalenti ghal LM5,330] rigwardanti x-xiri u l-arredament li sar fil-fond komuni tal-partijiet f' <indirizz>, il-Qorti taqbel mal-perit legali li dan il-kreditu ghandu jitqies bhala kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni. Fl-istess hin il-Qorti taqbel ukoll ma dak konkluz mill-perit fil-paragrafu 205, fis-sens li l-konvenut huwa debitur versu l-komunjoni fis-somma ta' €6,988 [ekwivalenti ghal LM3,000] rapprezentanti dejn mad-dipartiment tat-taxxi u li hu gab mieghu fiz-zwieg. Dan l-ammont ghandu jitnaqqas minn sehemhu ; u ghalhekk dan il-kreditu tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni, qed jigi ridott ghal **€5,427 [ekwivalenti ghal LM2330].**

[22] Vol.4 fol.1639
[23] Vol.5 fol.2060

Taqbel ukoll mal-kontenut tal-paragrafu 206, u konformament tordna li, fi zmien gimgha, il-konvenut jirritorna lill-attrici mejda zghira antika bil-wicc ta’ l-irham, xi kotba u arlogg ta’ l-attrici kemm-il darba dawn ghadhom fil-pussess tieghu.

Rigward il-kontenut tal-paragrafu [v] pagna 69 tar-rapport[24] fejn il-perit legali elenka diversi ammonti li ghandhom jitnaqqsu minn sehem l-attrici mir-rikavat tal-prezz, il-Qorti tosserva li, kif ser jigi spjegat, hemm ammonti li huma krediti tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni, u ghalhekk huma debiti tal-komunjoni u mhux ta’ l-attrci. Dawn huma :
[c] LM516, [d] LM200, [e] LM253.80[25] u [f] LM148.15[26], [g] LM298.72, [i] LM1,500, [l] LM2,576[27], [m] LM14,700[28] u LM2,330. Uhud minn dawn l-ammonti jirreferu ghaz-zmien meta l-partijiet kienu ghadhom jikkoabitaw.

Ghalhekk, fil-fehema tal-Qorti, ammonti totali li ghandhom jitnaqqas minn sehem l-attrici tar-rikavat tal-bejgh tad-dar tal-huma:
[a] LM7,875 [ sehem il-konvenut bhala ekwiparazzjoni ghall-affarijniet li zammet l-attrici];
[b] Nofs il-pagamenti kollha li l-konvenut hallas lil HSBC Home Loans Malta Ltd wara s-17 ta’ Awissu 1998; u
[c] LM2,480.50 [valur ta’ oggetti parafernali tal-konvenut, mizmuma mill-attrici];
[d] LM173.30

Filwaqt li l-kumplament tad-dejn fuq elenkat huwa dejn tal-komunjoni ta’ l-akkwisti li ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-prezz tal-bejgh tad-dar, qabel il-qasma.

Il-Qorti taddotta l-kontenut tal-paragrafu 193 tar-rapport peritali, u konformament tiddikjara li l-oggetti mobbli kollha li jinsabu fil-fond 95 Annunciation Street, Sliema, u li

[24] Fol.2050
[25] Dan l-ammont kien gja elenkat mill-perit legali bhala dejn tal-komujnjoni
[26] Dan l-ammont kien gja elenkat mill-perit legali bhala dejn tal-komujnjoni
[27] Vide para 201 [fol.2059]
[28] Vide para. 202 203 [fols.2059 u 2060]

jinsabu elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni numru 233/02 jigu assenjati lill-attrici, filwaqt li l-oggett l-ohra kollha akkwistati mill-konvenut wara 17 ta' Awissu 1998 qed jigu assenjati lill-istess konvenut.

Il-Qorti taddota wkoll il-kontenut tal-paragrafu 195 rigwardanti l-ammont ta' LM11,000 percepit mill-attrici in konnessjoni mas-socjeta' GT Investments Limited li tappartjeni lill-familja ta' l-attrici. Il-Qorti, fuq bazi ta' probabilita', hija sodisfatta li dan l-hlas kien jirrapprezenta sehem l-attrici minn bicca art proprjeta' ta' din il-kumpanija, u mhux dividends kif sottomess mill-konvenut. Ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut in propozitu mhijiex valida.

**Kunjom**
Illi fil-kontro talba tieghu, il-konvenut talab li l-Qorti tipprojibixxi lill-attrici milli tkompli tuza kunjomu wara s-eparazzjoni, skond l-artikolu 62[2] tal-Kap.16.

F' dan ir-rigward, il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-perit legali, bazata fuq il-karenza ta' prova dwar l-ingredjent tal-pregudizzju gravi ; u, minflok, taccetta bhala valida u gustifikata s-sottomissjoni tal-konvenut maghmula fil-paragrafu 19 tan-nota tieghu.[29] Il-Qorti taddotta il-kontenut ta' dan il-paragrafu fl-intier tieghu, li qed jigi anness ma' dan il-gudizzju [Appendici D] ; u tissottolinea l-konsiderazzjoni li l-attrici m' ghandhiex ikollha nteress li zzomm il-kunjom ta' persuna li ma xtaqitx tizzewweg u li mieghu qattghet nofs il-hajja mizzewwga taghha fil-qorti, kif ukoll il-konsiderazzjoni li, ghal diversi ragunijiet, ir-relazzjoni adultera ma' Antoine Gambin hija ta' pregudizzju gravi ghar-reputazzjoni tal-konvenut li ghandu kunjom uniku u li hu rinomat anke fil-kamp professjonali tieghu.

Ghalhekk din it-talba tal-konvenut hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

[29] Vol.4 fol.1995 – para 19 – Kunjom pagna 24 relazzjoni

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar l-azzjoni attrici billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici, u ghal fini ta' l-artikolu 48[1][c] tiffissa d-data tas-17 ta' Awissu 1998 ;
[2] tilqa' t-tieni talba ;
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni 'Kura u Kustodja' ;
[4] tilqa' ir-raba talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni 'Manteniment' ;
[5] tichad il-hames talba ;
[6] tilqa' is-sitt talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' ;
[7] tilqa' is-seba talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit fis-sezzjoni 'Komunjoni ta' l-Akkwisti' ;
[8] tichad it-tmien talba ;
[9] tilqa' id-disa' talba ;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba tal-konvenut billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq deciz;
[2] tilqa' it-tieni talba fis-sens fuq deciz;
[3] tilqa' it-tielet talba limitatament fis-sens fuq deciz;
[4] tilqa' ir-raba' talba u tapplika fil-konfront ta' l-attrici l-artikolu 48 tal-Kap.16 in toto ;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq deciz ;
[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens fuq deciz ;
[7] tichad is-seba talba;
[8] tilqa' it-tmien talba;
[9] tilqa' id-disa talba;

L-ispejjez kollha, kemm ta' l-azzjoni kif ukoll tal-kontro talba jkun a kariku ta' l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------